

Brussell, 6 ta' Lulju 2021  
(OR. en)

10579/21

AGRI 327  
WTO 176  
DELECT 142

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	6 ta' Lulju 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2021) 4867 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 6.7.2021 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-definizzjoni ta' allużjonijiet għall-ismijiet ġuridiċi ta' xorb spirituż jew Indikazzjonijiet Ġeografiċi ta' xorb spirituż u l-użu tagħhom fid-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' xorb spirituż għajr ix-xorb spirituż li għalih issir l-allużjoni

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument C(2021) 4867 final.

Mehmuż: C(2021) 4867 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 6.7.2021  
C(2021) 4867 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta' 6.7.2021**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-definizzjoni ta' allużjonijiet għall-ismijiet ġuridiċi ta' xorb spirituż jew Indikazzjonijiet Ġeografiċi ta' xorb spirituż u l-użu tagħhom fid-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' xorb spirituż għajr ix-xorb spirituż li għalih issir l-allużjoni**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT**

Ir-Regolament (UE) 2019/787 ikkjarifika u riformula sostanzjalment ċerti dispożizzjonijiet relattivi għall-produzzjoni u għat-tikkettar tax-xorb spirituż u tal-oġġetti tal-ikel prodotti minn xorb spirituż bħala ingredjenti. Bil-ħsieb li jiġi pprovdut perjodu twil biżżejjed biex tiġi ttestjata s-solidità tad-dispożizzjonijiet riformulati, il-Leġiżlatur ta s-setgħa lill-Kummissjoni sal-25 ta' Mejju 2025 biex tadotta atti delegati biex temenda dawk id-dispożizzjonijiet jew tissupplimenta r-Regolament dwar ix-Xorb Spirituż billi tidderoga minn dawk id-dispożizzjonijiet.

B'mod partikolari, id-definizzjoni u l-kundizzjonijiet tal-użu ta' "allużjonijiet" għall-isem ta' xorb spirituż wieħed jew aktar ġew riformulati b'mod fundamentali meta mqabbel mad-dispożizzjonijiet attwali, u dan jillimita l-possibbiltà li "allużjonijiet" jintuża biss għall-oġġetti tal-ikel għajr ix-xorb spirituż u għal-likuri. Dan jipprekludi l-possibbiltà li jintuża l-isem tax-xorb spirituż fid-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni jew it-tikkettar ta' xorb spirituż għajr il-likuri.

Madankollu, għal ċertu xorb spirituż hija Prattika tradizzjonali li ssir referenza għall-ismijiet ta' xorb spirituż ieħor meta dawn jikkostitwixxu l-unika bażi alkoħolika li minnha jiġu pproċessati aktar jew li jkunu mmaturaw jew tlestew fi btieti li qabel kien hemm xorb spirituż ieħor fihom.

Din il-possibbiltà jenħtieġ li tiġi ppreservata u għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/787 jiġi emendat biex jippermetti l-allużjoni għall-ismijiet ta' xorb spirituż jew għall-Indikazzjonijiet Ġeografiċi ta' xorb spirituż fid-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' xorb spirituż ieħor.

### **2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT**

Ċerti Stati Membri u rappreżentanti tal-industrija indikaw lill-Kummissjoni li r-riformulazzjoni msemmija hawn fuq tar-Regolament il-ġdid dwar ix-Xorb Spirituż tagħmel it-tikkettar ta' ċertu xorb spirituż li ilu fis-suq għal xi żmien illegali. Jenħtieġ li dan jiġi ċċarat biex jippermetti informazzjoni sħiħa u leġittima lill-konsumaturi u biex il-leġiżlazzjoni tiġi allinjata mal-metodi ta' produzzjoni tradizzjonali li jintużaw b'mod wiesa'.

Il-konsultazzjonijiet li involvew esperti mis-27 Stat Membru saru bi tnejn qabel u matul il-laqgħa tal-Grupp ta' Esperti tal-Organizzazzjoni Komuni għas-Swieq Agrikoli – Xorb Spirituż, li saret (virtwalment) fit-3 ta' Diċembru 2020, fid-9 ta' Frar 2021 u fit-28 ta' April 2021. Dan il-proċess ta' konsultazzjoni wassal biex jintlaħaq kunsens wiesa' għall-abbozz tar-Regolament Delegat.

Il-kunsens kien irreġistrat ukoll waqt konsultazzjoni mal-pubbliku ġenerali li twettqet permezz tal-pubblikazzjoni tal-abbozz tar-regolament delegat fil-Portal għar-Regolamentazzjoni aħjar bejn l-14 ta' April u t-12 ta' Mejju 2021.

### **3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT**

L-att delegat huwa msejjes fuq l-Artikolu 50(3) tar-Regolament (UE) 2019/787 u jikkonċerna biss dispożizzjoni li l-Kummissjoni nġhatat is-setgħa li temenda skont il-paragrafu msemmi. Jenħtieġ li jiġi addottat permezz tal-proċedura prevista fl-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 2019/787.

Artikolu 1: Dan l-Artikolu jipprevedi l-possibbiltà li ssir allużjoni għal ismijiet ġuridiċi ta' kategorija ta' xorb spirituż jew għal Indikazzjoni Ġeografika ta' xorb spirituż fid-deskrizzjoni,

il-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' xorb spirituż ieħor f'ċerti każijiet u taħt ċerti kundizzjonijiet filwaqt li tiġi adattata kif xieraq id-definizzjoni ta' "allużjoni" fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) 2019/787. Jidderoga wkoll mir-rekwiżit ġenerali tat-tikkettar "nofs id-daqs tat-tipa" għall-allużjonijiet fil-btieti tax-xorb spirituż filwaqt li jirrikjedi li tali allużjonijiet ma jkunux aktar prominenti mill-isem ġuridiku jew mit-termini komposti użati.

Artikolu 2: Dan l-Artikolu jipprevedi perjodu tranżitorju billi jippermetti li x-xorb spirituż ikkonċernat minn dan ir-Regolament li ġie tikkettat qabel il-31 ta' Diċembru 2022 f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 716/2013, ikompli jitqiegħed fis-suq mingħajr il-ħtieġa li jiġi tikkettat mill-ġdid.

Artikolu 3: Dan l-Artikolu jipprevedi l-applikazzjoni simultanja tal-emenda prevista fl-Artikolu 1 u d-dispożizzjonijiet li jirreferi għalihom [jiġifieri, l-Artikolu 3(3), u l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2019/787] li, skont l-Artikolu 51(1) tar-Regolament (UE) 2019/787, japplikaw mill-25 ta' Mejju 2021.

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 6.7.2021

**li jemenda r-Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-definizzjoni ta' allużjonijiet għall-ismijiet ġuridiċi ta' xorb spirituż jew Indikazzjonijiet Ġeografiċi ta' xorb spirituż u l-użu tagħhom fid-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' xorb spirituż għajr ix-xorb spirituż li għalih issir l-allużjoni**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' xorb spirituż, l-użu tal-ismijiet ta' xorb spirituż fil-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' oġġetti tal-ikel oħra, il-protezzjoni ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi ta' xorb spirituż, l-użu ta' alkoħol etiliku u distillati ta' oriġini agrikola f'xorb alkoħoliku, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 110/2008<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 50(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2019/787 ikkjarifika u rriformula sostanzjalment ċerti dispożizzjonijiet relattivi għall-produzzjoni u għat-tikkettar tax-xorb spirituż u tal-oġġetti tal-ikel prodotti minn xorb spirituż bħala ingredjenti.
- (2) B'mod partikolari, id-definizzjoni u l-kundizzjonijiet għall-użu ta' allużjonijiet għall-isem ġuridiku ta' kategorija waħda jew aktar ta' xorb spirituż jew ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi ta' xorb spirituż kif stabbiliti fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 110/2008<sup>2</sup> u l-Artikolu 2(d) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 716/2013<sup>3</sup>, ġew riveduti fundamentalment bir-Regolament (UE) 2019/787, li jħassar u jissostitwixxi r-Regolament (KE) Nru 110/2008 b'effett mill-25 ta' Mejju 2021. Fil-fatt, id-dispożizzjonijiet korrispondenti l-ġodda fl-Artikolu 3(3) u l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2019/787 jippermettu l-użu ta' allużjonijiet biss fid-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' oġġetti tal-ikel għajr ix-xorb spirituż u l-likuri. Konsegwentement, kwalunkwe allużjoni fid-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' xorb spirituż għajr likuri mhix koperta mid-dispożizzjonijiet il-ġodda dwar l-allużjonijiet fir-Regolament (UE) 2019/787. Dik l-għażla leġiżlattiva saret biex tiġi evitata d-duplikazzjoni bejn l-allużjonijiet, regolati mill-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2019/787, u t-taħlitiet, irregolati mill-Artikoli 13(3) u (4) ta' dak ir-Regolament. Tabilħaqq, il-kombinazzjoni ta' xarba spirituż ma'

<sup>1</sup> ĠU L 130, 17.5.2019, p. 1.

<sup>2</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar, u l-protezzjoni ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi, ta' xorb spirituż u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89, (ĠU L 39, 13.2.2008, p. 16).

<sup>3</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 716/2013 tal-25 ta' Lulju 2013 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar, u l-protezzjoni ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi ta' xorb spirituż (ĠU L 201, 26.7.2013, p. 21).

xarba spirituża oħra tikkwalifika bħala taħlita u konsegwentement jenħtieġ li ma tiġix ittikkettata f'konformità mad-dispożizzjonijiet dwar it-tikkettar għall-allużjonijiet. Madankollu, iddaħħlet eċċezzjoni fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2019/787 biex tippermetti l-allużjonijiet għal xorb spirituż ieħor fuq likuri, bil-ħsieb li jiġi ppreservat it-tikkettar ta' għadd konsiderevoli ta' prodotti li huwa meqjus bħala tradizzjonali u ġeneralment rikonoxxut mill-konsumaturi. Madankollu, id-definizzjoni l-ġdida u r-rekwiżiti għall-allużjonijiet ma ħadux kont ta' żewġ każijiet addizzjonali ta' metodi ta' produzzjoni tradizzjonali fejn l-allużjoni ssir għal xorb spirituż li jkun l-uniku ingredjent alkoħoliku ta' xorb spirituż ieħor jew għal xorb spirituż li fil-bettija tiegħu jkun ġie mmaturat xorb spirituż ieħor, li l-ebda wieħed minnhom ma jikkwalifika bħala taħlita. Għalhekk, jekk ma jiġux irregolati bħala allużjonijiet, dawk il-każijiet isiru illegali skont ir-Regolament (UE) 2019/787.

- (3) Skont l-Artikolu 10(7) tar-Regolament (UE) 2019/787, l-użu ta' isem ġuridiku ta' kategorija ta' xorb spirituż jew ta' Indikazzjoni Ġeografika ta' xorb spirituż fid-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni jew it-tikkettar ta' kwalunkwe xarba li ma tikkonformax mar-rekwiżiti rispettivi huma pprojbiti ħliet fil-każ ta' termini komposti, allużjonijiet u listi tal-ingredjenti.
- (4) B'konsegwenza ta' dan u wara konsultazzjoni mal-industrija tax-xorb spirituż u l-Istati Membri, kien ċar li r-riformulazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-allużjonijiet tirriżulta fil-preklużjoni tal-possibbiltà li l-konsumaturi jiġu infurmati dwar il-metodi ta' produzzjoni tradizzjonali fl-użu għall-produzzjoni ta' ċertu xorb spirituż, meta tali informazzjoni tkun relatata mal-isem ta' xorb spirituż ieħor. Dawk il-metodi jikkonsistu fl-użu ta' xarba spirituża bħala l-bażi alkoħolika unika, mingħajr iż-żieda ta' oġġetti tal-ikel oħra jew id-dilwizzjoni bl-ilma taħt il-qawwa alkoħolika meħtieġa għall-ipproċessar ulterjuri biex issir xarba spirituża differenti, u l-ħżin ta' ċertu xorb spirituż għall-perjodu sħiħ ta' maturazzjoni jew parti minnu fi btieti tal-injam li preċedentement kien fihom xarba spirituża oħra. Fil-każ tal-aħħar, għal dawk il-kategoriji ta' xorb spirituż jew Indikazzjonijiet Ġeografiċi ta' xorb spirituż li għalih iż-żieda ta' alkoħol hija pprojbita, il-btieti jridu jitbattlu mill-kontenut preċedenti tagħhom qabel ma tiġi introdotta x-xarba spirituża li tkun trid tiġi sussegwentement immaturata ġo fihom.
- (5) Metodi bħal dawn kienu tradizzjonalment użati fis-settur tax-xorb spirituż għal żmien twil u jenħtieġ li jkunu koperti mir-Regolament (UE) 2019/787. Fil-fatt, meta jintużaw metodi ta' produzzjoni tradizzjonali bħal dawn, l-indikazzjoni tagħhom fid-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni u t-tikkettar tax-xorb spirituż korrispondenti tipprovdi lill-konsumaturi b'informazzjoni importanti u utli dwar il-prodott li jagħżlu li jixtru u jikkunsmaw u sservi bħala differenzjatur bejn marki differenti fi ħdan il-kategoriji. B'mod partikolari, biex tiġi spjegata xi fit mill-kumplessità f'dik ix-xarba spirituża huwa essenzjali li wieħed ikun jaf x'tip ta' btieti mmaturat fihom ix-xarba spirituża.
- (6) Sabiex il-produtturi jibqa' jkollhom il-possibbiltà li jipprovdu informazzjoni dwar il-metodi ta' produzzjoni tradizzjonali, huwa xieraq li l-Artikolu 3(3) u l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2019/787 jiġu emendati biex jippermettu allużjonijiet għall-ismijiet ġuridiċi ta' xorb spirituż jew għall-Indikazzjonijiet Ġeografiċi ta' xorb spirituż fid-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' xorb spirituż ieħor prodott skont il-metodi tranżizzjonali li ġejjin.
- (7) Barra minn hekk, fil-każ ta' allużjonijiet għal xorb spirituż li qabel kien jinsab fi btieti li sussegwentement intużaw biex jimmaturow xorb spirituż ieħor, id-dispożizzjoni tat-tikkettar introdotta bl-Artikolu 12(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/787, li

tirrikjedi li l-allużjoni tidher f'daqs ta' tipa li ma jkunx akbar minn nofs id-daqs tat-tipa użat għall-isem tax-xorb alkoħoliku u kwalunkwe terminu kompost, timponi piż sproporzjonat fuq l-industrija tal-ispirti, għax din tirrikjedi li eluf ta' tikketti u kaxxi tal-kartun jinbidlu u tirrikjedi tibdil inutli fid-disinn li l-konsumaturi ilhom li drawh is-snin. Barra minn hekk, f'ħafna każijiet tali rekwiżit l-allużjoni jagħmilha bilkemm viżibbli għall-għajn sakemm id-daqs tat-tipa tal-isem ġuridiku ma jkunx tkabbar b'mod drammatiku, li m'għandux ikun meħtieġ meta l-isem ġuridiku jkun sempliċi u b'referenza ċara għal waħda mill-kategoriji stabbiliti fl-Anness I ta' dak ir-Regolament jew għall-isem ta' Indikazzjoni Ġeografika ta' xorb spirituż fejn ma tinħoloq l-ebda konfużjoni potenzjali. Għalhekk, huwa xieraq li ssir deroga minn dan ir-rekwiżit ta' tikkettar u minflok ikun rikjest li l-allużjonijiet jidhru b'tipa ta' daqs li ma jkunx akbar u mhux aktar prominenti mill-isem ġuridiku tax-xarba spirituż u, fejn jintuża, ta' kwalunkwe terminu kompost.

- (8) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/787 jiġi emendat kif xieraq.
- (9) Jenħtieġ li jiġi previst perjodu tranżitorju għall-applikazzjoni tar-rekwiżiti tat-tikkettar stabbiliti għall-allużjonijiet bir-Regolament (UE) 2019/787 għall-allużjonijiet fuq xorb spirituż għajr likuri. Jenħtieġ li dawk id-dispożizzjonijiet japplikaw mill-31 ta' Diċembru 2022 biex jippermettu li x-xorb spirituż ikkonċernat ittikkettat qabel dik id-data f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 716/2013 ikompli jitqiegħed fis-suq mingħajr ma jkun meħtieġ li jiġi ttikkettat mill-ġdid.
- (10) F'konformità mal-Artikolu 51(3) tar-Regolament (UE) 2019/787 u sabiex jiġi evitat kwalunkwe tip ta' vojta regolatorju, jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika retroattivament mill-25 ta' Mejju 2021,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) 2019/787 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 3, il-punt 3 huwa sostitwit b'li ġej:

“(3) “allużjoni” tfisser ir-referenza diretta jew indiretta għal isem ġuridiku wieħed jew iktar previsti fil-kategoriji ta' xorb spirituż stabbiliti fl-Anness I, jew għal Indikazzjoni Ġeografika waħda jew iktar ta' xorb spirituż, għajr għal referenza f'terminu kompost jew f'lista ta' ingredjenti kif imsemmija fl-Artikolu 13(2) sa (4) fid-deskrizzjoni, l-preżentazzjoni u t-tikkettar ta’:

  - (a) oġġett tal-ikel li mhux xarba spirituż,
  - (b) xarba spirituż li tikkonforma mar-rekwiżiti tal-kategoriji 33 sa 40 tal-Anness I; jew
  - (c) xarba spirituż li tikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 12(3a);”
- (2) L-Artikolu 12 huwa emendat kif ġej:
  - (a) jiddaħħal il-paragrafu 3a li ġej:

“3a. B'deroga mill-paragrafu 1, fid-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' xarba spirituż għajr xorb spirituż li jikkonforma mar-rekwiżiti tal-kategoriji 33 sa 40 tal-Anness I, l-allużjoni għal isem ġuridiku previst f'kategorija ta' xorb spirituż stabbilita f'dak l-Anness jew għal Indikazzjoni Ġeografika ta' xorb spirituż għandha tkun permessa bil-kundizzjoni li:

- (a) ix-xarba spirituża msemija fl-allużjoni:
- (i) tkun intużat bħala l-bażi alkoħolika unika għall-produzzjoni tax-xarba spirituża finali, li għandha tkun konformi mar-rekwiżiti ta' kategorija ta' xorb spirituż stipulata fl-Anness I,
  - (ii) ma tkunx ġiet ikkombinata ma' xi oġġetti tal-ikel għajr l-oġġetti tal-ikel użati għall-produzzjoni tagħha jew il-produzzjoni tax-xarba spirituża finali, f'konformità mal-Anness I jew l-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott rilevanti, u
  - (iii) ma tkunx ġiet dilwita bl-ilma sabiex il-qawwa alkoħolika tagħha tkun taħt il-qawwa minima prevista fil-kategorija ta' xorb spirituż stabbilita fl-Anness I jew l-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott għall-Indikazzjoni Ġeografika li tkun tappartjeni għaliha x-xarba spirituża msemija fl-allużjoni; jew
- (b) ix-xarba spirituża tkun inħażnet għall-perjodu sħiħ ta' maturazzjoni jew parti minnu f'bettija tal-injam li qabel tkun intużat biex timmatura x-xarba spirituża msemija fl-allużjoni, bil-kundizzjoni li:
- (i) il-bettija tal-injam tkun tballt mill-kontenut preċedenti tagħha għal dawk il-kategoriji ta' xorb spirituż jew Indikazzjonijiet Ġeografiċi ta' xorb spirituż li għalihom iż-żieda ta' alkoħol, dilwit jew mhux, hija pprojbita,
  - (ii) l-allużjoni ssir fid-deskrizzjoni tal-bettija użata biex timmatura x-xarba spirituża li tirriżulta,
  - (iii) l-allużjoni tidher b'mod inqas prominenti mill-isem ġuridiku tax-xarba spirituża jew kwalunkwe terminu kompost użat, u
  - (iv) b'deroga mill-paragrafu 4, punt (b), l-allużjoni tidher b'tipa ta' daqs mhux akbar mid-daqs tat-tipa użat għall-isem ġuridiku tax-xarba spirituża jew kwalunkwe terminu kompost użat.”;
- (b) fil-paragrafu 4, il-fażi introduttorja hija ssostitwita b'dan li ġej:
- “4. L-allużjonijiet imsemija fil-paragrafi 2, 3 u 3a għandhom:”.

### *Artikolu 2*

Ix-xorb spirituż imsemmi fl-Artikolu 12(3a) tar-Regolament (UE) 2019/787 li ma jissodisfax ir-rekwiżiti tat-tikkettar stabbiliti f'dak l-Artikolu u fl-Artikolu 12(4) tar-Regolament (UE) 2019/787 kif emendat b'dan ir-Regolament iżda li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 716/2013 u li jkun ġie ttikkettat qabel il-31 ta' Diċembru 2022 jista' jkompli jitqiegħed fis-suq sakemm jispiċċaw l-istokkijiet.

### *Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidholl fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-25 ta' Mejju 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 6.7.2021

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
*Ursula VON DER LEYEN*